# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 7

7 ta' Novembru 2024

Is-seba' (07) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2024 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur Justin Haber | ( JP ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 7.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

7.1.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq żewġ ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku NH u l-Kunsillier JH.

7.1.2. Il-Kunsill innota dan  u laqa' l-ittri t'apoloġiji.

### 7.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

7.2.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-minuti tal-ħames (5) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

7.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 2 (SSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (JP)

Il-Kunsilliera JP informat li r-raġuni għalfejn astjeniet kienet minħabba li ma kinitx preżenti għall-aħħar laqgħa.

7.2.3. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-minuti tas-sitt (6) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

7.2.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, SSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

7.2.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 5.3.4.1 u qalet li fl-aħħar laqgħa s-Sindku kien qal li kienu tneħħew il-linji sofor minn quddiem garaxxijiet li ma kellhomx sticker tal-Kunsill.

7.2.5.1. Hija għamlet riferenza għall-każ li kienet semmiet fil-laqgħa preċedenti u qalet li s-sidien ikkonċernati kienu ilhom irreġistrati mal-Kunsill żmien twil. Hija żiedet tgħid li kienu naqsu li jwaħħlu l-istickers bi żvista minħabba manutenzjoni riċenti li saret mal-faċċati u mal-bieb.

7.2.5.2. Il-Kunsilliera SSH kompliet billi qalet li jibqa' l-fatt li hemm garaxxijiet li jinsabu viċin ħafna tal-istess garaxxijiet imsemmija preċedentement li ma

tneħħewlhomx il-linji sofor minkejja li m'għandhomx sticker tal-Kunsill. Hija żiedet tgħid li hemm ukoll garaxxijiet fl-akwati tad-Dar tal-Kunsill li wkoll m'għandhomx sticker iżda xortawaħda għadhom bil-linji sofor quddiem il-bieb. Il-Kunsilliera SSH qalet li din kienet inġustizzja lejn il-persuni in kwistjoni.

7.2.5.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa lis-SE jekk kinitx intbagħtet korrispondenza dwar dan. Is-SE wieġeb li għandu jiċċekkja mal-amministrazzjoni.

7.2.5.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien għadda kważi xahar u l-ebda garaxx ieħor ma kienu tneħħewlu l-linji sofor. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi raġuni għalfejn tneħħew il-linji ta' dawn it-tliet garaxxijiet.

7.2.5.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li fiċ-ċirkostanzi jemmen li ladarba tintbagħat il-korrispondenza, jkun jista' jibda' l-proċess għal kull garaxx fil-lokalità.

7.2.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 5.4.6 u fakkret fiċ-ċint ta' ħdejn l-AGFA u l-bżonn li dan jitkaħħal. Il-Viċi Sindku JAE qal li hemm bżonn li tingħata iktar attenzjoni lil dik iż-żona anke minħabba li qed jintrema' ħafna skart. Il-Kunsill qabel.

7.2.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 5.13.1 rigward it-toilet tal-persuni b'diżabilità. Is-SE qal li t-toilet kien sar b'dan il-mod minħabba l-kriterji provduti mis-CRPD. Huwa kompla billi qal li l-kuntratt kien diġà ingħata filwaqt li x-xogħol għandu jibda' dalwaqt.

7.2.8. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 5.14 u staqsiet jekk il-kameras kienux qed jaħdmu. Is-SE qal li sa dakinhar kienu għadhom ma ġewx installati.

7.2.9. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja nru 5.3.8 u staqsa jekk kienux ġew ordnati t-tabelli tan-no heavy vehicles fi Triq Vilhena. Is-SE ikkonferma li dawn kienu ġew ordnati.

7.2.10. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja nru 5.4.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sinjali ta' Taħt il-Forka. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jara x'jista' jsir.

## 7.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.3.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrispondenza mingħand resident fejn ressaq xi ilmenti dwar Pjazza Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi din il-korrispondenza lill-Infrastructure Malta sabiex tittieħed azzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jara jekk hemmx xi ħaġa minima li jista' jieħu ħsieb jagħmel hu.

7.3.1.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li tinsab informata li l-culverts kienu qed iżommu l-ilma għax kienu qed ikunu miżdudin.

7.3.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrispondenza mingħand il-Minority Leader, il-Kunsilliera SSH, rigward l-istqarrija li nħarġet mil-Kunsill fejn esprimiet id-diżappunt li nħarġet din l-istqarrija mingħajr ma ġiet mistennija l-opinjoni tal-kunsillieri Laburisti. Hija qalet li jekk l-istqarrija riedet tinħareġ b'għaġġla mela allura ma kellix tinħareġ f'isem il-Kunsill iżda f'isem il-kunsillieri li approvawha biss.

7.3.2.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi, flimkien mal-Kunsillier JH, ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li tinħareġ stqarrija iżda l-mod kif inħarġet kien wieħed inġust.

7.3.2.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li jista' jagħti l-każ li ġara hekk għax ma kienx hemm oġġezzjoni u għalhekk is-Sindku mexa bil-prassi li soltu jadotta fejn imexxi meta jkun hemm maġġoranza.

7.3.2.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma taqbilx ma' dan. Hija żiedet tgħid li f'każijiet oħra ġeneralment jintbagħatu messaġġi jew isiru telefonati u staqsiet kif ma sarx l-istess f'dan il-każ.

7.3.2.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li tal-anqas ħarġet xi ħaġa pożittiva mill-istqarrija għax ftit wara il-Kunsill kien ġie mogħti appuntament għal laqgħa.

7.3.2.5. Il-Kunsilliera SSH kompliet targumenta li kellu jkun hemm telefonata jew messaġġ biex tiġi informata dwar dan ġaladarba raw li kienet għadha ma wiġbitx filwaqt li l-Viċi Sindku JAE reġa' tenna li ladarba kien hemm maġġoranza, l-istqarrija setgħet tinħareġ f'isem il-Kunsill.

7.3.3. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrispondenza mingħand l-MLIA rigward attività li se ssir fl-20 ta' Novembru 2024 b'rabta mas-sena mil-mewt tal-Prof. Oliver Friggieri. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex jirreklama u jgħin kif jista'.

7.3.4. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrispondenza mingħand tutor f'isem student li qed jagħmel studju fuq il-kwalità tal-arja fejn talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex iqiegħed xi apparat fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill biex ikun jista' jieħu s-samples neċessarji. Il-Kunsill qabel li għandu jassisti lil dan l-istudent.

7.3.5. Il-Viċi Sindku JAE ressaq talba mingħand membru tas-sottokumitat tal-indafa biex jiżdied membru fil-grupp tal-Whatsapp. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa ma jidħlux iktar nies fil-gruppi tal-Whatsapp ġaladarba ma jkunux membri tal-Kunsill.

7.3.6. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-artiklu riċenti li deher fuq it-Times of Malta fejn ġiet ippubblikata lista ta' toroq li saru fil-lokalità. Huwa kompla billi qal li Triq Pietro Floriani, minkejja li mniżżla fil-lista, kienet għadha ma saritx u għalhekk ippropona li l-Kunsill jibgħat jinforma lill-Infrastructure Malta u jivverifika dwar dan.

7.3.7. Il-Viċi Sindku JAE informa lill-Kunsill li kienet inħarġet espressjoni t'interess fuq finanzjament tal-attivitajiet tal-Karnival. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb japplika.

7.3.8. Il-Viċi Sindku JAE ressaq korrispondenza legali mingħand is-Citadel Insurance fejn ilmentaw rigward spazju ta' parkeġġ riservat li sar quddiem il-bieb tagħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qal li minkejja l-uffiċini li hemm fil-lokalità, ir-residenti għandhom dejjem jingħataw prijorità u għalhekk ma qabilx li l-ispazju jitneħħa għax dan kien każ ġenwin u l-ispazju riservat kien wieħed bżonnjuż. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iwieġeb lill-Avukat tas-Citadel Insurance bl-Avukat tal-Kunsill u li jara x'punti oħra xtaqu li jiddiskutu mal-Kunsill.

7.3.9. Il-Viċi Sindku JAE informa lill-Kunsill bil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u qal li kienet laqgħa sodisfaċenti ħafna. Huwa qal li kien ġie diskuss l-MoU tal-Fosos fejn kien hemm diskussjoni amikevoli u ġie maqbul li dan jiġi aġġornat u msaħħaħ. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm ukoll diskussjoni dwar ir-riġenerazzjoni tal-lokalità fejn il-Ministru kien offra l-assistenza tiegħu għal dan il-għan.

7.3.10. Il-Viċi Sindku JAE informa bil-laqgħa li kellu mal-kuntrattur b'rabta mad-dwal tal-piċċ tal-boċċi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huwa ta rendikont ta' dak li kien ġie diskuss u qal li l-Kunsill għandu jirċievi kwotazzjoni fil-jiem li ġejjin għall-installazzjoni ta' żewġ floodlights.

**Nota: 18:01 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata**
**Il-laqgħa ġiet sospiża.**

**18:03 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**
**Il-laqgħa tkompliet.**

7.3.11. Il-Viċi Sindku JAE informa li kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Port fejn matulha ġiet diskussa l-applikazzjoni tal-lokalità tal-Birgu biex din tkun innominata għall-belt kulturali. Il-Kunsill innota dan u ma sabx oġġezzjoni.

## 7.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

7.4.1. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għat-tneħħija tal-iskip tal-ħwejjeġ minn Pjazza Emanuel S. Tonna u staqsiet jekk huwiex possibbli li din terġa' ssir iżda ssir ħdejn il-magna tal-BCRS.

7.4.1.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jingħata ftit żmien ċans sabiex il-Kunsill jara l-feedback tan-nies u nelfrattemp jilħaq jara jekk hemmx alternattivi oħra.

7.4.2. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta sabiex il-Kunsill jorganizza żjara fil-presepju ta' Betlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà li l-attività tingħaqad ma' dik organizzata mis-Sindku għal Kerċem iżda deher li dan ma kienx ser ikun possibbli minħabba raġunijiet loġistiċi. Għalhekk il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb jiffinanzja t-trasport.

7.4.3. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill jesebixxi ritratti antiki ta' Ġnien il-Mall. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li dawn ir-ritratti għandhom ikunu esibiti ħdejn il-monument tal-Indipendenza.

7.4.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li meta reġa' nqala l-ġnien, kienu għamlu plakek ġodda iżda kienu neħħew il-plakka li kien hemm qabel. Għalhekk hu issuġġerixxa li ssir talba sabiex din il-plakka terġa' ssir u terġa' titwaħħal. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.4.5. Il-Viċi Sindku għamel riferenza għall-mapep tal-lokalità u ppropona li dawn jersqu ftit sabiex jiġu fil-post oriġinali li kienu. Huwa kompla billi ppropona li ssir mappa oħra biswit il-Valletta Waterfront sabiex ikun hemm iktar nies konxji li dik iż-żona taqa' taħt il-lokalità tal-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għad-dawl tal-loġoġ u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx hemm żvilupp fuq din il-materja. Wara li ddiskuta, il-Viċi Sindku JAE qal li fil-baġit finanzjarju għandu dejjem ikun hemm inkluż il-manutenzjoni.

7.4.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li tinsab informata li membru tas-sottokumitat qed jipprova jagħmel laqgħat m'entitajiet tal-Gvern. Hija qalet li dan kien inaċċettabbli u li l-proċess għandu jkun li tali laqgħat jintalbu mil-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

7.4.8. Il-Kunsilliera JP informat li kienet iltaqgħet mar-Rights Project Initiative u qalet li l-laqgħa kienet ġiet posposta għat-3 ta' Diċembru 2024.

7.4.9. Il-Kunsilliera JP qalet li kienet bagħtet korrispondenza dwar l-eliġġibbiltà ta' fondi Ewropej u kienet informata li jrid ikun hemm NGO involuta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-iskola primarja dwar il-possibbiltà li jkellmu lil xi NGO eliġibbli.

7.4.10. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux waslu l-bins u t-tabelli li kienu ordnati. Is-SE wieġeb li l-bins għandhom jaslu dalwaqt. Fil-każ tat-tabelli, is-SE wieġeb li għandu jibgħat tfakkira.

7.4.11. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kinitx saret il-manutenzjoni tal-cat café ta' ħdejn Bieb il-Bombi. Is-SE qal li għandu jivverifika mal-ħaddiema manwali tal-Kunsill.

7.4.12. Il-Kunsilliera JP qalet li fi Triq San Tumas kien qed ikun hemm dlam ċappa. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur sabiex issir it-tiswija neċessarja.

## 7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

7.5.1. Ma kienx hemm rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

## 7.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

7.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 05/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

7.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 7.7 ANTARJOLI TAL-FESTA

7.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi ippropona li ssir laqgħa sabiex dawn l-affarijiet ikunu jistgħu jiġu diskussi mal-Arċipriet u mal-Fergħa Armar ta' Barra.

7.7.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li ħafna lokalitajiet kienu qed iħallu l-antarjoli armati.

7.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi Sindku JAE u qabel li għandu jsejjaħ laqgħa.

## 7.8 PROPOSTA TA' KORS TAL-PADEL FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

7.8.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi qal li kien il-Kunsillier JH li talab li din il-materja tkun fuq l-aġenda u għalhekk, peress li ma kienx preżenti għal-laqgħa, id-diskussjoni għandha tiġi posposta għal-laqgħa li jmiss.

7.8.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li jibda' l-proċess sabiex jitranġa l-piċċ il-kbir.

7.8.3. Is-SE qal li l-periti tal-Kunsill kienu ffinalizzaw il-BOQ għall-piċċ u għalhekk jidher li l-proċess kien miexi.

## 7.9 SKEMA VJAL KULĦADD

7.9.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-applikazzjoni ta' din l-iskema.

7.9.2. Is-SE wieġeb li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa u kienet qed tiġi evalwata.

7.10 **AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

7.10.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:45 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 9 ta' Diċembru 20024**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv